# Robbie Naudi, Tabib u Politiku, Ħabib ta' Kulħadd.



minn
Lino Bartolo
Kunsillier

Fl-ikbar pjazza tal-lokalità ser inħallu mafkar lil persuna li għexet u ħabbet lil L-Imsida qatiegħ. Fl-Imsida maż-żmien kellna diversi persuni li għamlulna ġieh, insemmu lill Ċensu Farrugia li waqqaf waħda mill-ewwel fabbriki f'Malta fi Sqaq Casolani u wara anke ġie elett bħala membru fil-kamra leġislattiva. Infakkru wkoll lill Ġuzè Ellul Mercer Kittieb u Storiku li wkoll kien sar Ministru u Deputat Prim Ministru, Lil Attur u komiku Johnny Catania li wara ħajja mimlija mpenji fix-xandir komiku kien ħalla Malta u emigra lejn il-Kanada u kull meta kellu ċans dejjem tkellem u faħħar lil L-Imsida, l-post li taħ il-ħajja. Ma dawn nistgħu nżidu ħafna oħrajn.

Illum xtaqt infakkar personaġġ ieħor li għalkemm f'ħajtu ma għamilx ħafna storbju bis-suċċessi tiegħu, ħalla mpatt qawwi fuq il-ħajja tal-Misidjani.

Huwa kien twieled frott ta' l-Imħabba bejn Mary Coleiro (is-Sa Mer kif konna nafuha), u Robbie Naudi. Is-Sa Mer mara dejjem pulità, kwieta, sabiħa, serja u qaddisa kellha devozzjoni speċjali lejn il-qaddisa ta' l-impossibbli Santa Rita tant li kienet taħdem bis-sħiħ biex issir il-festa tagħha ta' kull sena fil-knisja parrokkjali.

Robbie l-missier, kien bil-ħidma maniġerjali tiegħu f'fabbrika ewlenija tal-luminata jaqla' l-għajxien għall-familja, kellu ukoll id-delizzju tal-pittura u bosta xogħolijiet tiegħu jinsabu anke fil-knisja parrokkjali tagħna. Rabbew familja ta' erba' ulied. It-Tielet wieħed Robert, li twieled fit-23 ta'Novembru 1936, minn dejjem kien jidher li kellu karattru ħelu u ġentili.

Studja fil-kulleġġ ta'San Alwiġi f'B'Kara sa ma daħal fl-Università. Matul iż-żogħżija tiegħu huwa kien membru attiv u assidwu tal-leġjun ta' Marija u forsi dan kien li nissel fih l-imħabba lejn il-morda. Kien jistudja ħafna għax bħall kulħadd kien jibża' ħafna mill-eżamijiet. Minn fuq il-bejt tad-dar t'Ommi kont narah kull filgħaxija wara li tbatti x-xemx kien joqgħod jippassiġġja bil-kotba f'idejh mat-tul tal-bejt tagħhom jistudja u jistudja.

Kien ukoll mal-familja kollha tiegħu fil-festa tal-Qalb ta' Ġesù jarma l-parapett tad-dar tagħhom bi statwa kbira u sabiħa tal-Mulej imdawwra bil-fjuri sbieħ vjola tal-Bouganvillae li kienet tiksi il-persjana kollha sa taħt il-gallarija. Din il-ħaga kien jkollha l-ammirazzjoni ta'dawk kollha li kienu jkunu jakkumpanjaw il-purċissjoni sabiħa li kienet issir dak iż-żmien. Fost l-eżamijiet tal-Matrikola li għamel kien rebaħ il-premju tar-Religjon Bishop Caruana Award. Huwa ggradwaja bħala tabib fit-22 ta' Marzu 1962. Hawnhekk nista' naqsam il-ħajja tiegħu fi tlieta, l-ewwel snin tal-ħajja professjonali tiegħu, ħidma li daħħlitu tista' tgħid f'kull familja fl-Imsida. Urietu l- faqar u t-tbatija li fiha kienu jgħixu ħafna familji Misidjani u oħrajn barra l-lokalità u kien jaqsam bis-serjeta' n-niket li kienu qed jġarrbu. Naħseb li l-ikbar problema tiegħu kienet meta jitolbuħ biex jħallsuħ. Kien jistħi u meta jara l-mard u l-faqar kien jistrombla ruħu. Il-ħlas li kien jitlob dejjem kien jkun il-kwart ta'dak li kien jitlob ħaddieħor.

It-tagħlim li kellu maħżun f'qalbu kien

jipprattikah f'ħidmietu, Il-KBIR qalilna 'Għin lil min hu batut', 'ħobb lill fqir', 'żur il-morda', dawn kollha kien jwettaqhom bl-ikbar skruplu.

F'Ġunju tal-1970 kien ġie mitlub biex jkun il-United Nations Examing Phisician għall-Malta, kariga li dan jokkupa għall-diversi snin. Bejn 1971 u 1976 kien t-tabib tal-Gvern għall-Ġzira u għall-xi snin tabib tal-korp tal-Pulizija. Fis-sena 1980 irrapreżenta lil Malta fil-Konferenza tal-Commonwealth f'Zambia, fejn kien qara tlett papers dwar il ħidma ta' Malta kontra it-tixrid tad-Droga.

Fis-27 ta' Marzu 1967 iżżewweġ lil Henriette Cuschieri. Henriette kienet tfajla kwieta li kienet toqgħod tista tgħid faċċata tad-dar tagħhom fi Triq D'Argens. Huma kellhom żewg it-tfal Tonia u Marie Claire.

It-Tieni fażi tal-ħajja tiegħu hija dik politika. Żgur li ħajja professjonali ta' tabib fejn ra t-tbatija u l-faqar tal-Poplu kien li ġelgħu li joħroġ għall-politika għax l-imħabba li kellu għall-dawn in-nies kienet tixprunaħ ħa jaħdem biex jkabbar l-aspetti soċjali fost il-batut.

Mhux mingħajr ostakoli, imma għażel li joħroġ kandidat mal-Partit Laburista. Ħareġ għall-elezzjoni tal-1971 imma mingħajr suċċess. Izda f'dik tal-1976 ħareġ għad-Disa distrett li kien jinkorpora lil L-Imsida fih u ġie elett. Ġara l-istess fl-elezzjoni tal-1981.

Anke hawn kien jaqdi dmiru ta' rappreżentant tal-poplu fl-għola istituzzjoni tal-pajjiż bl-ikbar dinjità. Kien assidwu fl-attendenza tiegħu fil-Parlament u l-interventi tiegħu dejjem kienu mmirati dwar kif jista' jaġevola lill minn kien fil-bżonn. Qatt ma weġġa lill ħadd bi kliemu u kellu rispett kbir lejn l-avversarji politiċi tiegħu. Wara t-tmiem ta'din il-leġislatura huwa rtira għall-kollox mill-politika.

Hawnhekk tibda l-aħħar fażi tal-ħajja tiegħu. Huwa reġa' ntelaq fil-professjoni medika. Il-Klinika tiegħu fi Triq il-Ġdida ta' kuljum kienet tistenna serbut ta' nies biex jkellmuh. Kien jdum sa tard bil-lejl sakemm kulħadd jkun inqeda. Fis-sena 1994 mietet il-mara tiegħu Henriette, li tassew kien iħobb u jirispetta.
Issa jidħol iktar fih innifsu, u jkompli jemmen li l-ħallieq jixtieq xi ħaġa oħra minnhu. Daħal u kien attiv fil-Moviment Karismatiku u kien waqqaf fl-Imsida il-Grupp Ragħaj it-Tajjeb. Kien ukoll membru fil-Kummissjoni Djakonija fejn hawn ukoll wettaq ħafna xogħol fost il-fqir u l-batut. Għall-diversi snin kien ukoll il-Moderatur tal-Kunsill Parrokkjali u waqqaf xi devozzjonijiet Marjani.

Għalkemm kiber fl-età, l-professjoni baqa' jħobbha. Niftakar kemm il-darba konna nkunu għandu d-dar għall-xi laqgħa fejn konna qed niddiskutu dak li ħareġ mis-sinodu Djoċesan mal-Kappillan Valentin Borg, meta kien iċempillu t-telefon għax xi ħadd kien bżonnu.

Kien jitlaq u jħalli lilna d-dar tiegħu niddiskutu bejnietna. Anke fil-klinika tiegħu li kienet saret qisha knisja żgħira, huwa dejjem kien jgħati pariri mill-isbaħ u jikkonsla u jgħamel kuraġġ lil minn kien jkun mweġġa. Kien bniedem ta' veru, Fl-1997 huwa iżżewweġ lill Jane Farrugia li kienet tgħix qrib il-familja tagħhom minn ckunità.

Iż-żmien jsajjar il-bajtar jgħid il-qawl malti, u hekk ukoll jiġrilu l-bniedem. Imma l-kobor tal-bniedem jidher mill-mod kif



jaġġixxi meta jkun imtaqqal mis-salib u mill-mard. Hawnhekk ukoll naraw persuna, għalkemm mifnija bl-uġieħ f'qieħ ta' sodda fl-isptar imma marbuta mar-rieda t'Alla, b'aċċettazzjoni sħiħa ta'dak li kien qed jiġri u jitwettaq. Wara marda qalila huwa ngħaqad mal-Ħallieq tiegħu fit-2 ta'Jannar 2008 li żgur laqgħu bil-kliem "Idhol fis-saltna mħejjija għalik, għax jien kont bil-għatx u sqejtni, kont bil-ġuħ u tmajtni, kont marid u ġejt iżżurni". Fil-funeral tiegħu li sar jiem wara, l-Imsida kollha tagħtu l-aħħar tislima kif kien jixraqlu.

**Din il-persuna hija bla dubju Robbie Naudi t-tabib u politiku ħabib ta' kullħadd.**